4 ta' Marzu, 1954.

Imħallef :

L-Onor. Dr. J. Caruana Colombo, B.Litt., LL.D.

**Edgar Baldacchino et. *versus* Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier ne.**

## Eżibizzjoni ta' Pellikoli — Projbizzjoni — Nullità — Atti Ġudizzjarji — Kliem Offensiv — Art. 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija — Notifikazzjoni tal-Gvern nru. 93 ta' l-1954.

*L-art. 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija jagħti lill-Gvernatur fil-Kunsill il-fakoltà li joħroġ regolamenti dwar it-teatri u ċ-ċinematografi. Iżda dak l-artikolu ma jagħtix poteri tali li bihom fistgħu jsiru regolamenti jkunu x'ikunu. Dak l-artikolu, għalkemm jenumera għadd kbir ta' speċifikazzjonijiet ta' natura diversa, ma jinkludix fosthom dik li b'xi mod turi illi għandha taħseb għall-projbizzjoni ta' eżibizzjoni ta' pellikoli fil-publiku.*

*Għaldaqstant il-projbizzjoni magħmula bis-saħħa tan-Notifikazzjoni tal-Gvern numru 93 tas-sena 1954, biex ma jiġux eżibiti ċerti "films" ta' natura soċjetika, hija nulla u ta' ebda effett legali, għax "ultra vires".*

*Skond prinċipji bizżejjed magħrufa, l-iskritturi fi proċedimenti lega-*

*li huma tutelati bi privileġġ assolut; però ma jistgħux jiġu użati fl-iskritturi, kif lanqas fit-trattazzjoni tal-kawża, kliem inġurjuż jew offensiv li ma jkunx meħtieġ għall-kawża; u l-Qorti hija awtorizzata illi tordna, anki "ex officio", illi kliem simili jiġi mħassar mill-iskritturi fejn ikun ġie użat.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni, li bih l-atturi, wara li ppremettew illi b'Notifikazzjoni numru 93 maħruġa fil-Gazzetta tal-Gvern ta' l-ewwel ta' Marzu 1954, ħarġu regolamenti magħmula mill-Gvernatur fil-Kunsill bis-setgħat lilu mogħtija mill-art. 187 tal-Liġijiet tal-Pulizija, Kap. 13, li bihom ġiet projbita l-eżibizzjoni tal-films oriġinati mill-pajjiżi menzjonati *fil-lista annessa ma' l-imsemmija regolamenti* fi kwalunkwe ċinematografu jew postijiet oħra quddiem tletin jew aktar spettaturi; u illi huma l-proprjetarji ta' diversi ċinematografi u distributuri ta' films, kif ukoll għandhom għall-eżibizzjoni tliet films oriġinati mill-pajjiżi menzjonati f'dik il-lista; u illi l-artikolu 187 tal-Liġijiet tal-Pulizija jagħti d-dritt lill-Gvernatur biex jagħmel regolamenti, imma r-regolamenti maħruġin bl-imsemmija Notifikazzjoni ma għandhom x'jaqsmu xejn mal-finijiet li għalihom jistgħu jsiru regolamenti *taħt l-artikolu 187 tal-Liġijiet tal-Pulizija, u huma in*tiżi biss biex jimpedixxu l-eżibizzjoni tat-tliet films tagħhom li l-Gvern illegalment kien irrifjuta li jikkonsenja, u għalhekk huma "ultra vires"; talbu illi, premessi d-dikjarazzjonijiet u l-provvedimenti opportuni, jiġi dikjarat u deċiż illi l-imsemmija regolamenti huma "ultra vires", u konsegwentement nulli u ta' ebda effett legali. Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, li ġie inġunt ħalli jidher personalment biex jirrispondi għas-subizzjoni;

Rat *in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tal-konvenut fil-kwalità* tiegħu fuq imsemmija, li biha jeċċepixxi illi r-regolamenti impunjati huma perfettament fit-termini ta' l-'enabling law', ċjoè ta' l-art. 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija. Salvi eċċezzjonijiet oħra;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi hu indubitat, u rriżulta wkoll mit-trattazzjoni tal-kawża, illi r-regolamenti maħruġa bin-Notifikazzjoni tal-

Gvern numru 93 ta' l-ewwel ta' Marzu 1954, bis-setgħat mogħtijin bl-art. 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija, kif ġie sostitwit, wara t-taħsir tiegħu, bl-Att numru X ta' l-1950, huma intiżi biex jipprojbixxu partikolarment l-eżibizzjoni fil-publiku taż-żewġ films "The Marriage of Figaro" u "Alexander Nevesky", u tal-cartoon "Little Gey Neck", li dan l-aħħar ġew importati f'dawn il-Gżejjer mill-atturi għall-finijiet ta' din l-eżibizzjoni. L-atturi jippretendu illi dawk ir-regolamenti huma "ultra vires", u bħala tali nulli u ta' ebda effett legali;

Illi "a thing is done by a Public Authority, a Company or a Fiduciary Person, 'ultra vires', when it is not within the scope of the powers entrusted to such Authority, Company, or Person" (Stroud's Judicial Dictinary, 2nd. edition, p. 2113); u għalhekk irid jiġi eżaminat jekk, skond kif timporta l-pretensjoni ta' l-atturi, dawk ir-regolamenti jeċċedux il-poteri statutorji li jawtorizzawhom, u humiex ripunjanti għalihom. Dan jista', u anzi għandu, isir f'kull każ bħal dak ta' l-artikolu 187 fuq imsemmi, li bih il-Gvernatur fil-Kunsill ma ġiex espressament mogħti s-setgħat li jagħmel regolamenti ta' kull xorta fid-diskrezzjoni tiegħu — liema diskrezzjoni kienet tkun inkontrollabili mill-Qrati — imma ġie speċifikat liema regolamenti seta' jagħmel, jew, almenu, għalfejn setgħu jaħsbu r-regolamenti li huwa seta' jagħmel. "Justices are bound to decide on any objection as to the validity of a bye-law, although it may have been regularly made and confirmed............." (Stone's Justices' Manual, 78th. edition, p. 496);

Illi din il-Qorti ma taqbelx għal kollox mas-sottomissjoni ta' l-atturi li l-ħsieb tal-liġi fl-art. 187 tal-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Pulizija hu in ġenerali dak biss li jirregola l-lokalità tat-teatri u taċ-ċinematografi "ut sic", kompriżi l-attrezzi ta' ġo fihom, għall-konvenjenza u s-sigurezza tal-publiku, u mhux ukoll għall-wirjiet li jistgħu jsiru hemmhekk. Imma lanqas taqbel mas-sottomissjoni tal-konvenut li dak l-artikolu, minħabba l-ġeneralità tiegħu, jagħti poteri tali biex bihom isiru regolamenti jkunu x'ikunu, u kwindi anki oħal dawk li ġew impunjati mill-atturi bħala "ultra vires". L-ewwelnett, dina

l-Qorti tosserva illi l-artikolu ġa bosta drabi msemmi, għal-kemm jenumera għadd kbir ta' speċifikazzjonijiet ta' natura diversa, ma jinkludix fosthom dik li b'xi mod juri illi għand-dha taħseb għall-probizzjoni ta' eżibizzjoni fil-publiku ta' films; u għalhekk ma jidherx biżżejjed illi kien ħsieb tal-leġislatur li jinkludi f'dak l-artikolu dan il-poter. Imbagħad, din il-Qorti hi tal-fehma illi, anki jekk il-leġislatur kellu il-ħsieb li b'dak l-artikolu jkun jista' jipprojbixxi l-eżibizzjoni ta' films fil-publiku, huwa qatt ma kellu l-ħsieb li jipprojbixxi "a priori" dik l-eżibizzjoni, u kwindi qatt ma seta' jagħti poteri biex joħorġu regolamenti dwar daqshekk. Is-saħħaħ din il-fehma s-sottosezzjoni (e) ta' l-imsemmi artikolu, li biha l-leġislatur ta s-setgħa lill-Gvernatur fil-Kunsill biex jagħmel regolamenti "għall-ħatra u l-ħidma ta' ċensuri.............. u appell mid-deċiżjoni taċ-ċensuri". Dan juri illi, jekk kellu l-intenzjoni li jista' b'dawk il-poteri jipprojbixxi l-eżibizzjoni ta' films fil-pubbliku, il-leġislatur qatt ma kellu l-intenzjoni li jagħmel dan "a priori", imma biss wara diżapprovazzjoni għal dik l-eżibizzjoni tagħhom miċ-ċensuri, jekk u meta jkunu ġew maħtura ċensuri għal dan l-iskop. U mhuwiex kontestat illi attwalment, u minn ħafna żmien 'l hawn, jinsabu maħtura dawn iċ-ċensuri għall-iskop fuq imsemmi, u li s'issa għad ma ddiżapprovawx, billi għadhom lanqas biss eżaminawhom, il-films in kwistjoni. Għalhekk, jekk bil-poteri msemmija tista' fil-każ issir il-projbizzjoni ta' eżibizzjoni fil-publiku ta' films b'dawk l-istess poteri, ladarba speċjalment jinsabu maħtura ċensuri "ad hoc", din il-projbizzjoni ma tistax issir, kif saret, "a priori", b'mod illi l-projbizzjoni "a priori" ta' l-eżibizzjoni tat-tliet films imsemmija, magħmula bir-regolamenti ġa msemmijin, bis-saħħa ta' dawk il-poteri, hi "ultra vires", u konsegwentement nulla u ta' ebda effett legali;

**Ikkunsidrat;**

Illi fit-trattazzjoni l-konvenut għamel oġġezzjoni għall-kontenut tal-paragrafu 6 tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi, u talab illi l-istess jiġi, b'ordni tal-Qorti, imħassar;

Illi, skond prinċipji biżżejjed magħrufa, l-iskritturi fi proċediment legali huma tutelati bi privileġġ assolut. Però, kif

ighid Coleman Folkard, "as to irrelevant, immaterial and opprobrious matter, the Court may order such to be expugned from the proceedings..........." (The Law of Slander and Libel, p. 173). Anki l-Kodiċi tal-Liġijiet tal-Proċedura, fl-artikolu 993, jiddisponi illi ħadd ma jista' jeża, f'ebda skrittura jew fis-smiegħ tal-kawża, kliem inġurjuż jew offensiv, li ma jkunx meħtieġ għall-kawża; u jawtorizza lill-Qorti, anki "ex officio", illi tordna illi kliem simili jiġi mħassar mill-iskritturi. Fil-każ taħt eżami, jidher illi l-paragrafu fuq imsemmi hu irrilevanti u immaterjali għall-finijiet tal-kawża, u offensiv għall-konvenut. Irrilevanti u immaterjali għall-finijiet tal-kawża, għaliex, skond l-art. 155 (3) ta' l-imsemmi Kodiċi, id-dikjarazzjoni li għandha tinġieb maċ-ċitazzjoni għandha ikun fiha miġjuba l-fattijiet tal-kawża; u dawn il-fattijiet ġew biżżejjed miġjuba mill-attur fl-ewwel ħames paragrafi tad-dikjarazzjoni, u s-sitt paragrafu ma għandu x'jaqsam xejn ma' l-istess fattijiet. Offensiv għall-konvenut, għaliex b'dak il-paragrafu l-atturi jidher illi jridu juru lill-konvenut, u fil-kwalità li fiha jidher fil-kawża, bħala persuna li ma tqisx kif imissha d-dinjità ta' dawn il-Qrati, u li ma għandux rispett lejn il-pronunzjamenti tagħhom. L-atturi setgħu, kif għamlu, għalkemm b'mod ftit spiċċ, fir-raba' paragrafu tad-dikjarazzjoni, jippruvaw juru illi l-motiv tal-ħruġ tar-regolamenti ġa msemmijin sar partikolarment biex jintlaħaq l-iskop li bis-sentenzi msemmijin fid-dikjarazzjoni ma kienx ġie milqugħ qabel. Infatti, fil-każ taħt eżami kien jittratta minn kwistjoni dwar jekk ir-regolamenti humiex jew le "ultra vires"; u skond Griffith and Street (Principles of Administrative Law), "the doctrine of 'ultra vires' depends for the extent of its application on two separate factors. It depends on the generality or otherwise of the empowering provisions, and it depends on the attitude which the Court adopts" (page 110); u "the Courts have long exercised the right to declare invalid administrative actions which, while 'prima facie' authorised by statute, are proved to have been taken for ulterior motives" (page 114), għalkemm jiżdied jin-

għad illi "we know of no cases where regulations or rules have been rejected on this ground" (page 114). Imma l-kontenut tas-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni ta' l-atturi hu għal kollox barra minn loku anki f'dan ir-rigward, billi ma għandux x'jaqsam la mal-fattijiet tal-kawża u lanqas ma' din il-prova;

Għal dawn ir-raġunijiet;

Tordna illi, per mezz tar-Reġistratur, il-kliem kollu tas-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni miġjuba mill-atturi maċ-ċitazzjoni jiġi mħassar; u dan bi spejjeż ta' l-atturi;

U tiddeċidi adeżivament għat-talba ta' l-atturi;

L-ispejjeż, minħabba ċ-ċirkustanzi tal-każ, jibqgħu bejn il-partijiet mingħajr taxxa, iżda bid-dritt tar-Reġistru a kariku tal-konvenut nomine.